# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 347/2016**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Axisa**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 39063(M)

Illum, 10 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Axisa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat ghax-xhur ta’ bejn Lulju – Awwissu 2015, Awwissu – Settembru 2015 u Ottubru 2015 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Maria Carmela Axisa s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Axisa pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha TIKKONFERMA s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (13.06.2016) fejn din illiberat lill-appellant mill-akkuza li naqas milli jhallas manteniment ghax-xahar ta' Lulju, 2015 peress li din l-akkuza kienet diga giet dikjarata bhala preskritta.

THASSAR U TIRREVOKA dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (13.06.2016) fejn din sabet lill-appellant hati talli naqas milli jhallas manteniment lil martu ghal binthom Maxine Axisa ghax-xhur ta' Awwissu, 2015, Settembru, 2015 u Ottubru, 2015 u minflok tilleberah minn din l-akkuza.

THASSAR U TIRREVOKA dik il-parti tass-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (13.06.2016) fejn din sabet lill-appellant hati talli naqas milli jhallas manteniment lil martu ghal binthom Jeanelle Axisa ghall-perijodu ta' bejn l-ghoxrin ta' Settembru, 2015 u l-wiehed u tletin ta' Ottubru, 2015 (20.09.2015 – 31.10.2015) u minflok tilliberah minn din l-akkuza.

TIKKONFERMA dik il-parti tass-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (13.06.2016) fejn din sabet lill-appellant hati talli naqas milli jhallas manteniment lil martu ghal binthom Jeanelle Axisa ghall-perijodu ta' bejn l-ewwel ta' Awwissu, 2015 u d-dsatax ta' Settembru, 2015 (01.08.2015 – 19.09.2015) u dan fuq ammissjoni tieghu stess pero' fid-dawl tal-ammissjoni u hlas tal-istess ammont dovut tirreduci l-piena nflitta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

U f'kwalunkwe kaz fl-eventwalita` li din il-Qorti ssib htija tal-akkuzi tvarja l-piena billi thassar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u minflok tinfliggi piena aktar miti minhabba c-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

a. Illi l-appellant instab hati talli naqas li jhallas manteniment ghax-xahar ta' Ottubru, 2015 meta huwa car illi f'dan ix-xahar, bintu **Jeanelle** mhux biss kienet qed tircievi pagament tas-sigurta socjali bhala single mother izda kienet diga ghalqet 23 sena u ghalhekk skont il-ligi ghall-perijodu ta' bejn l-24 ta' Settembru, 2015 u l-31 ta' Ottubru, 2015 ma kien jezisti l-ebda dritt ta' manteniment. Illi minkejja dan il-fatt, u ghal raguni mhux cara minhabba nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa xorta wahda nstab hati talli naqas milli jhallas manteniment ghal dan il-perijodu.

b. Illi hemm qbil illi l-ammont mitluba ghal **Jeanelle** ghax-xahar ta' Awwissu, 2015 u mill-1 sad-19 ta' Settembru kienu dovuti, pero' huwa veru ukoll illi malli dan il-fatt gie kkonfermat, l-appellant hallas l-ammont li kien dovut lil martu Maria Carmela Axisa u ghalhekk huwa ngust illi huwa gie kkundannat xahar prigunerija effettiva meta kienet saret ammissjoni ta' dan l-ammont quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Kif qalet il-kawza "***Il-Pulizija vs Publius Said***" fil-25 ta' Settembru, 2003 "l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983 (bl-emenda tal-1986), kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri ricalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan il-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ........"

c. Illi appellant instab hati talli naqas mill jhallas manteniment ghal **Maxine** ghax xhur ta' Settembru u Ottubru, 2015, meta hareg bhala fatt mill-provi prodotti illi f'dan il-perijodu hija

kienet ghalqet 18 il-sena u ma kinitx studenta full time, u ghalhekk skont il-ligi hija ma kellha l-ebda dritt ta’ menteniment minghand missierha.

d. Illi l-appellant instab hati wkoll talli naqas milli jhallas manteniment ghal **Maxine** ghax-xahar ta’ Awwissu, 2015 meta hareg bhala fatt mill-provi li f’dan il-perijodu hija kienet qed tghix u tahdem full time barra minn Malta bhala parti mill-istudji taghha, tant illi hija lanqas ma kellha dritt ta’ stipendju izda kienet tithallas mill-lukanda fejn hija kienet tahdem gewwa l-Ingilterra. Illi wiehed irid isemmi li l-kwerelanta f’dan il-kaz kienet omm Maxine, u cioe' Maria Carmela Axisa, illi hija stess kkonfermat illi f’dan iz-zmien bintha ma kinitx qed tghix maghha izda kienet qed tghix barra minn Malta u tahdem u taqla l-intorojtu taghha, u lanqas Maxine stess, u l-akkuza kienet li l-appellant naqas milli jhallas manteniment lil martu u mhux lil bintu. Illi l-appellant sostna u ghadu jsostni illi l-kwerelanta Maria Carmela Axisa ma kellha l-ebda dritt illi titlob manteniment ghal bintha Maxine ghal dan il-perijodu u dan peress illi bintha lanqas biss kienet qed tghix Malta ahseb u ara d-dar maghha u hija kienet qed tithallas ghax-xoghol full time li hija kienet qed taghmel u ghalhekk 'dato ma non concesso' li seta' kien hemm xi dritt ta’ menteniment ghal Maxine ghal dan ix-xahar, dan zgur illi ma kienx dritt tal-omm izda dritt ta’ Maxine Axisa, illi ma hijiex parti f’dawn il-proceduri u li qatt ma ghamlet tali talba.

e. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, naqset milli tikkunsidra l-kontestazjonijiet varji rigwardanti l-eta' taz-zewg uliedu u minghajr motivazzjoni ta’ xejn, iddikjarat illi l-appellant huwa hati talli naqas li jhallas manteniment anki ghall-perijodi meta tali manteniment lanqas seta' jkun dovut skont il-ligi, b’mod illi nholqot ingustizzja

f. Illi ghalkemm huwa minnu li l-punti suesposti, jirrikjedu li din l-Onorabbli Qorti tidhol fil-mertu tal-ezami tal-provi li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, ezercizzju li din il-Qorti dejjem tipprova tevita, u dan peress illi din il-Qorti, kif stabbilit fil-gurisprudenza taghna, ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi, f’dan il-kaz l-appellant huwa ta’ l-umli fehma li t-talba tieghu hija wahda gustifikata, dan peress illi, bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, hija thoss li ma kienx sar ezami korrett tal-provi prodotti. Illi di fatti, mhux l-ewwel darba li din l-Onorabbli Qorti ghazlet li tmur kontra dan il-principju, u terga’ tisma’ l-provi hija stess, u dana peress illi tara li d-decizjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Onorabbli

Qorti, ma tkunx wahda ragonevoli u legittima fid-dawl tal-provi kollha prodotti, Illi, fil-kazijiet, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***[1] u ***Il-Pulizija vs Michael Micallef***[2], din l-Onorabbli Qorti filwaqt li tenniet il-principju bazilari stabbilit fil-gurisprudenza, li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, ghamlet referenza ghal sentenzi ohra li fihom il-Qorti ghazlet li tmur kontra dan il-principju u sostniet illi :"*Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghatx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux adirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*"

Illi minkejja li mill-provi mressqa, kellu jirrizulta li kien hemm raguni xierqa ghaliex ma thallasx l-imsemmi manteniment, l-Ewwel Onorabbli Qorti, ghazlet, li <u>immedjatament wara li saret it-trattazjoni mill-avukat difensur</u>, tipprocedi biex taghti s-sentenza u ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kontrih. Illi l-appellant jissottometti bir-rispett illi kieku l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament aktar approfondit u korrett tal-provi kollha li gew prodotti quddiemha, hija qatt ma setghet tasal ghal din il-konkluzjoni.

g. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq suespost, l-appellant umilment jissottometti li mhuwiex car kif il-Qorti waslet ghal konkluzjoni taghha, u dan ghaliex sad-data li fih gie prezentat dan l-appell, huwa baqa ma nghatatx kopja tas-sentenza motivata.

h. Illi sussidjarjament, il-piena applikabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-ammissjoni tal-appellant u hlas immedjat ta' dak l-ammont li gie ppruvat bhala dovut waqt is-smiegh tal-kaz, hija eccessiva, u harxa u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni u dan f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma taccettax l-aggravji suriferiti. Illi l-appellant jitlob bir-rispett li ghandu jkun hemm temperament fil-piena li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

---

[1] 31 ta' Mejju 1991

[2] Fil-QOrti tal-Appell Kriminali, 24 ta' Novembru 2005

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 il-parte civile nfurmat lil din il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Joseph Axisa u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Joseph Axisa. Thassar u tirrevoka l-piena ta' prigunerija u monflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.